**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 27 ta' Settembru, 2017**

**Talba Nru: 263/2017PM**

**Windoor Systems Limited (C36778)**

**Vs**

**7 Steps Company Limited (C56470)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Mejju, elfejn u sbatax (2017) illi s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef u disgha u sittin euro u erbgha u sittin centezmi (€3069.64) rapprezentanti bilanc mhux imhallas minn prezz ta' merkanzija li jikkonsisti fi *flooring* li gie mibjugh u konsenjat lis-socjeta` konvenuta bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-konsenja tal-*flooring* kontra s-socjeta` konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta` konvenut giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta tal-lum.

Sema' x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici moghtija fis-seduta tal-lum stess.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-26 ta' Gunju, it-Tribunal kien iddiferixxa l-kawza odjerna peress illi l-partijiet kienu jinsabu ghaddejjin fi trattattivi biex tintlahaq soluzzjoni bonarja

Illi madanakollu s-socjeta` intimata naqset milli tattendi ghas-seduta tal-lum u lanqas prezentat ebda risposta ghat-talba kif dedotta mis-socjeta' attrici.

Illi mix-xhieda moghtija mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici jirrizulta li ftehim ma ntlahaqx u l-ammont mitlub ghadu dovut. Kwindi t-Tribunal m'ghandu ebda ghazla hlief li jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjez b'dan li l-imghaxijiet fuq is-sorte jibdew jiddekorru, fin-nuqqas ta' prova dwar il-konsenja tal-istess, mid-data tal-avviz odjern u dana in linea ma' dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u mhux mid-data tal-introduzzjoni tieghu.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u dana billi jiddikjara li s-socjeta` intimata hija debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma mitluba ta' tlett elef, disgha u sittin euro u erbgha u sittin centezmi (€3069.64) rapprezentanti bilanc mhux imhallas fuq prezz ta' *flooring* li gie mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta` attrici lis-socjeta` intimata, konsegwentement jikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas lis-socjeta` attrici is-somma mitluba ta' tlett elef, disgha u sittin euro u erbgha u sittin centezmi (€3069.64) bl-

ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz odjern kontra l-istess socjeta` intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**